# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, il-Hamis 31 ta' Mejju, 2001.

**Kawza Nru. 59.**
**Citazz. Nru. 1739/00 JRM**

**Eve FARRUGIA**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-23 t'Awissu, 2000, li bih l-attrici ppremettiet:

Illi fl-Att tat-Twelid ta' l-attrici li jgib in-numru progressiv hamest elef u erbgha u ghoxrin ta' l-elf disa' mija hamsa u sebghin (5024/1975) fl-intestatura "Isem il Wild" l-isem "Evelyn" gie

erronjament imnizzel u ghandu jigi sostitwit bl-isem “Eve” (Ara Dok. A);

Illi konsegwenzjalment ghal dan l-izball certu dokumenti ufficcjali ohrajn erronjament jindikaw lill-attrici bhala “Evelyn” (Ara Dok. B);

Illi l-attrici minn dejjem kienet maghrufa bl-isem “Eve” u mhux bl-isem “Evelyn” kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza (Ara Dok. C u Dok. D);

Illi dan l-izball qieghed ikun ta’ inkonvenjent ghall-attrici kif ukoll qiehed iwassal ghal problema fl-identifikazzjoni ta’ l-istess attrici;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta’ l-attrici fuq indikat, u cioe’ fl-intestatura “Isem il-Wild” l-isem “Evelyn” jithassar u jigi sostitwit bl-isem “Eve”;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attrici flimkien mal-erba’ (4) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fil-11 t’Ottubru, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 5024/1975 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi x-xhieda bl-Affidavit tal-attrici u tax-xiehda taghha (pagni 18 sa 22 tal-process);

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tal-4 t'April, 2001, u l-iehor tas-17 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret ghax l-attrici tghid li isimha huwa registrat b'mod zbaljat fl-Att tat-Twelid taghha li jigb in- numru 5024/1975 [Dokument f'pagna 25 tal-process];

Illi l-attrici tghid li dejjem uzat ghaliha nnifisha l-isem ta' Eve u mhux dak muri fl-imsemmi Att tat-Twelid u dwar dan ressqet provi kemm ta' qraba taghha u kif ukoll ta' dokumenti ufficjali [ara Dok "C" u Dok "D" f'pagni 7 u 8 tal-process] li juru li, ghal zmien konsiderevoli l-attrici kienet tassew maghrufa bl-isem ta' "Eve";

Illi t-talba tal-attrici hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, li jippermetti li ssir talba bhal din fejn persuna tkun konsistentement maghrufa bl-isem li tghid li hija maghrufa bih ukoll jekk ikun differenti mill-isem moghti lilha jew mill-isem li jkun inghad fl-Att tat-Twelid innifsu li ghandha tissejjah bih;

Illi, ukoll skond ma jghid l-Att tat-Twelid tal-attrici, d-dikjarazzjoni tat-twelid saret minn missierha;

Illi l-Qorti tqis li t-talba attrici, ghalkemm limitata ghal din il-bidla, titlob korrezzjoni fl-intestatura “Isem il-Wild”. Il-Qorti tosserva li fl-Att tat-Twelid m’hemm l-ebda intestatura b’dak it-titolu, u l-ahhar zewg intestaturi huma msejhin “*Ismijiet Moghtijin*” u “*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*”. Il-Qorti tqis li, ghalkemm it-talba ghalhekk m’hijiex ghal kollox bi qbil ma’ dak li juri l-Att tat- Twelid li tieghu qieghed jintalab il-bdil, mis-sens tat-talba u tal-atti johrog car li l-attrici trid li l-isem li bih hija maghrufa jintwera taht iz-zewg intestaturi;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f’Atti ta’ Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f’dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f’atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isimha jkun muri konformement mad-dokumenti ufficjali taghha, u b’hekk jehlisha minn kull problema li jista’ jinholqilha bl-isem kif muri fl-Att tat-Twelid taghha fil-gejjieni. Jidher li hija diga’ qeghda ssib xi diffikultajiet minhabba li dokumenti ufficjali taghha ma jaqblux ghal-kollox dwar isimha [ara, per ezempju, Dok “B” f’pagna 6 imqabbel mad-Dok “C” u Dok “D” fuq imsemmija];

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba;

Illi fuq dan il-mertu wahdu, il-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li ma giex muri li l-izball kien jahti ghalih il-konvenut;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' t-talba attrici**, billi tiddikjara li l-Att tat-Twelid numru 5024 tal-1975 ghandu jigi mibdul fis-sens illi, taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin", u kif ukoll taht l-intestatura "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" isem it-tarbija ghandu jkun "Eve" u mhux "Evelyn", kif jidher attwalment;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, hu jaghmel it- tibdiliet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-attrici; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-bidla indikata, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju, 2001.**